**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

# GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 12 ta' Frar, 2002

**Numru 2**

**Avviz. numru 1188/01JR**

**Carmela Borg**

**vs**

**Marvin Zammit**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Ottubru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' sitt mija erbgha u ghoxrin lira Maltija u tnejn u erbghin centezmu (Lm624.42), jew somma verjuri li tigi likwidata mit-Tribunal rapprezentanti danni li sofriet l-attrici meta fil-5 ta' Mejju, 2001, fi Triq il-Kbira, Mellieha, il-konvenut li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IBD-231**

**habat fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni AAG-719 proprjeta` ta' l-attrici, u dana prevja dikjarazzjoni li din il-kollizjoni grat unikament minhabba negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata 6 ta' Settembru, 2001, kif ukoll ta' l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment, u bl-imghax legali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Carmela Borg. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**Illi mill-provi jirrizulta ampjament pruvat illi ghall-incident in kwistjoni li sehh fi Triq il-Kbira, Mellieha, bejn il-vettura AAG-719 u l-vettura IBD-231, kien jahti unikament il-konvenut, li kiser ghall-fuq il-vettura ta' l-attrici, kif jirrizulta mid-deposizzjoni ta' l-istess attrici, mill-isketch u mir-road accident report. Jidher li l-konvenut kien accetta r-responsabilita` ghall-incident, u dana kif jidher mill-e-mail mibghut mis-socjeta` GasanMamo Insurance.**

**Mid-dokumenti esebiti jirrizulta li d-danni fil-fatt jammontaw ghall-sitt mija sebgha u ghoxrin lira Maltija tnejn u erbghin centezmu (Lm627.42), pero` qed jintalbu sitt mija erbgha u ghoxrin lira Maltija u tnejn u erbghin**

**centezmu (Lm624.42), cioe` mhux inkluzi t-tlett liri ta' l-isketch u road accident report.**

**Ghaldaqstant peress illi ghall-incident in kwistjoni kien jahti unikament il-konvenut, it-Tribunal qed jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sitt mija erbgha u ghoxrin lira Maltija u tnejn u erbghin centezmu (Lm624.42), bl-imghax legali dekoribbli mil-lum. L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata 6 ta' Settembru, 2001, kif ukoll ta' l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**